# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn tnax (12) ta' Dicembru 2016**

**Rikors Numru 293/13 FDP**

**Dino Schembri (ID 485877M) u, b'digriet tat 2 ta' Settembru 2014, ismu inbidel ghal Deyen Schembri**

**vs**

**Clean Away Service Limited**
**(C 9028)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis 26 ta' Settebru 2013 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghall-vettura Berlingo, numru ta' registrazzjoni KBQ-251, illi r-rikorrent xtara minghand is-socjeta intimata fis-26 ta' Marzu 2013, talab lill-Qorti, bl-ghajnuna ta' periti nominati mill-Qorti, sabiex tiddikjara illi tali vettura kienet affetta minn difetti latenti, liema difetti s-socjeta intimata qatt ma semmiet lill-attur b'mod illi tali difetti jrendu l-vettura hekk mixtrija inutilizabbli ghall-iskopijiet taghha u/jew li jnaqqsu l-valur tal-vettura b'mod illi l-attur ma kienx jixtrija jew kien joffri somma anqas u ghalhekk tikkundanna lill-istess socjeta intimata thallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata rappresentanti r-riduzzjoni tal-prezz.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata datata 2 ta' Dicembru 2013 fejn sahqet illi t-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-vettura ma hija milquta bl-ebda difett latenti u tista tintuza liberament u b'sigurezza ghall-utenti, kif di fatti jaghmel ir-rikorrent.

Rat illi s-socjeta intimata ippresentata kontro talba fit 2 ta' Dicembru 2013 fejn l-istess socjeta intimata stqarret illi fis-26 ta' Marzu 2013 kienet bieghet il-vettura KBQ-251 lir-rikorrent ghall-prezz ta' €7,000, illi kellhom jithallsu permezz ta' erbghatax-il kambjala, minn liema kambjalijiet r-rikorrent kien biss hallas l-ewwel zewgt kambjalijiet li skadew fl-1 ta' April 2013 u l-1 ta' Mejju 2013, ammontanti komplessivament ghal €1,000 flimkien ma' €90 f'imghax, filwaqt illi l-bilanc ta'

€6,000 flimkien ma' l-imghax komputat fil-kambjalijiet baqghu qatt ma thallsu. Ghalhekk, is-socjeta intimata talbet lill-Qorti tiddikjara lir-rikorrenti responsabbli biex ihallas il-kambjalijiet kollha rimanenti u ghalhekk tikkundannah ihallas l-import kollu tal-kambjalijiet rimanenti. Bl-ispejjez u bl-imghax.

Rat ir-risposta tar-rikorrent ghall-kontro talba ippresentat fis-16 ta' Dicembru 2013 fejn sahaq illi t-talba rikonvenzjonali kienet wahda intempestiva stante illi l-ewwel irid jigi deciz t-talba principali filwaqt illi sahaq illi huwa kellu kull dritt illi jieqaf jonora l-ftehim tal-pagamenti stante illi l-oggett mibjugha kien affett minn difett latenti. Ir-rikorrenti osserva wkoll illi ghalkemm s-socjeta intimata intavolat kontro talba quddiem dina l-Qorti, hija wkoll ippresentat Ittra Ufficjali a tenur tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex trendi ezegwibbli l-kambjalijiet li kienu mmaturaw, u ghalhekk is-socjeta intimata kellha taghzel liema azzjoni kellha tiehu u mhux tittenta z-zewgt azzjonijiet kontestwalment.

Rat l-affidavit ta' **Dino Schembri** ippresentat fis 7 ta' April 2014.

Rat illi fit-2 ta' Gunju 2014 il-Qorti appuntat lill Joseph Zammit bhala Espert Tekniku tal-Qorti sabiex jaghmel survey dettajlat fuq il-vettura u jivverifika l-ilmenti illi kien qieghed jaghmel r-rikorrent.

Semghet x-xhieda ta' **Natalino Agius**, surveyor tar-rikorrent, moghtija fl-10 ta' Novembru 2014 u rat is-survey tieghu datat 25 ta' Marzu 2014 (fol 42) u esebit mir-rikorrent fis 26 ta' Jannar 2015.

Rat illi fis 26 ta' Jannar 2015, il-Qorti giet infurmata mill-Espert Tekniku illi ghalkemm kien iffissa data ghall-access, r-rikorrent ma kienx mar, u ghalhekk il-Qorti iffissat data ghall-access.

Rat illi fit 2 ta' Marzu 2015 il-Qorti giet infurmata illi meta sar l-access, r-rikorrent oggezzjoni illi tali access jitkompla fil-garage tas-socjeta rikorrenti, u ghalhekk l-access kien ghadu ma sarx. Rat illi l-Qorti ordnat lill-Espert sabiex jirrelata fuq il-provi illi seta jara.

Rat illi fid-9 ta' April 2015, wara rikors tar-rikorrent sabiex jerggha jsir access, il-Qorti ordnat illi jerggha jsir access iehor fuq il-vettura gewwa garage ta' terz.

Rat ir-rapport tal-Espert Tekniku Joseph Zammit ippresentat fl-20 ta' April 2015 u mahluf fit-28 ta' Mejju 2015. (fol 58)

Rat id-domandi in eskussjoni illi saru lill-Espert Tekniku fit 3 ta' Dicembru 2015 (fol 117)

Rat illi fit-18 ta' April 2016 ir-rikorrent ippresenta, permezz ta' nota, sensiela ta' ricevuti relatati ma' varji servizzi moghtija u oggetti mixtrija in konnessjoni mal-vettura meritu tal-kawza odjerna.

Rat illi fit-18 ta' April 2016 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Richard Darmanin**, rappresentant tas-socjeta intimata, moghtija fit-2 ta' Gunju 2016.

Rat illi fil-11 ta' Lulju 2016, il-provi gew dikjarati maghluqa w il-kawza giet differita ghal finali trattazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fit-28 ta' Novembru 2016, wara liema trattazzjon il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi fis-26 ta' Marzu 2013, wara illi, jiem qabel, ir-rikorrent ra il-vettura tal-marka Citroen Berlingo bin-numru ta' registrazzjoni KBQ-251 barra l-istabbiliment tas-socjeta intimata immarkata illi kienet ghal bejgh, ir-rikorrent dahal fi ftehim mas-socjeta rikorrenti ghax-xiri ta' dina l-vettura.

Jirrizulta, skond skrittura illi giet esebita mir-rikorrent a fol 14 tal-process, illi l-prezz miftiehem ghal-bejgh tal-vettura kien ta' €8,000, illi minnhom ir-rikorrent kien hallas €1,000 bhala depositu meta ikkonferma illi ried jakkwista l-vann, u l-kumplament kellu jithallas permezz ta' pagamenti rateali ta' €500 fix-xahar flimkien ma' l-imghax, liema pagamenti gew wkoll assikurati mis-socjeta intimata permezz ta' erbghatax-il kambjala.

Jirrizulta illi fix-xhur ta' April u Mejju, 2013, ir-rikorrent hallas l-ewwel zewg kambjalijiet, skond kif miftiehem, izda, sussegwentement, huwa ma baqax jaghmel il-pagamenti tal-kambjalijiet u, eventwalment, fis 26 ta' Settembru 2013 nieda l-proceduri odjerni.

Jirrizulta l-bazi tal-azzjoni odjerna hija l-fatt illi, skond ir-rikorrent, il-vettura kellha difetti latenti fiha, liema difetti kienu tali illi jrendu l-vettura inutilizabbli ghall-iskopijiet taghha "u/jew" inaqqsu l-valur tal-vettura bir-rizultat illi, jew ma kienx jixtriha jew inkella kien joffri anqas.

Jirrizulta illi, skond l-affidavit ta' Dino sive Deyen Schembri, illi meta huwa mar biex jixtri l-vettura, huwa ppruvaha flimkien ma' zewgt persuni ohra, li kienu z-ziju tieghu Joe Abela u r-ragel ta' ohtu, Charles Saliba, u daru biha ghal madwar ghaxar minuti biex jaraw jekk il-vettura kienetx tajba u, ghalkemm mhux mechanics, ma riskontraw xejn hazin fil-vettura – Joe Abela u Charles Saliba, madanakollu, ma gewx prodotti bhala xhieda mir-rikorrent sabiex jikkonfermaw tali assersjonijiet.

Jirrizulta izda, skond l-istess Schembri, hekk kien beda ghaddej iz-zmien, huwa kien qed ikollu diveresi problemi bil-vettura, Dawna l-ilmenti tieghu dwar tali vann, u li wasslu ghall-kawza odjerna, kienu s-segwenti:

- l-breaks tal-vettura ma kienux qed joperaw sew
- il-valves tal-magna kienu qed jaghmlu d-diesel
- ir-rota ta' wara tan-naha tal-passiggiet kienet qed tilghab
- is-saqaf tal-karozza beda jaghmel l-ilma u l-packing tas-saqaf gralu l-hsara
- l-aircondition ma kienx qieghed jahdem ghax beda hiereg hafna duhhan.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mix-xhieda ta' Richard Darmanin, rappresentant tas-socjeta intimata, illi meta r-rikorrent kien mar jara il-vann, attwalment ir-rikorrent ma kien ha lill hadd mieghu, u l-istess rikorrent kien inghata il-vettura sabiex jippruvaha u jehodha ghand min irid, u di fatti l-istess rikorrent mar biha ghal madwar saghtejn.

Jirrizulta, dejjem mill-istess Darmanin, illi l-mestjier tieghu huwa dak ta' mechanic, u ilu f'dan il-qasam ghal hafna snin, u huwa kkonferma illi l-vettura ma kellha ebda difetti fiha, kif qieghed

jilmenta r-rikorrent, u meta r-rikorrent kien ha l-vettura, huwa kien konxju illi kien hemm xi problemi fis-saqaf u fil-mera, u ta' dana ma kienx ilmenta mieghu meta xtara l-vettura.

Jirrizulta wkoll illi Darmanin kien ghamel service lill magna qabel ma taha lir-rikorrent, u dana kien parti mill-ftehim illi huma kellhom.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-Espert Tekniku, wara illi ezamina l-vettura inkwistjoni, kemm visibbilment u mekkanikament, kif ukoll saqha fuq it-triq, ghadda biex ghamel is-segwenti konkluzjonijet:

> *"Illi l-esponent ezamina lil din il-vettura fi tlett accessi fit 12 ta' Jannar 2015, fid 19 ta' Frar 2015 u fis 17 ta' April 2015.*
>
> *Illi l-esponent sab li din il-vettur m'ghandhiex difetti mohbija b'mod illi dak kollu riskontrat huwa u kien dejjem facilment riskontabbli, in partikolari is-sadid u n-nuqqas ta' ssiggilar tas-sun roof, l-ispustjar tal-bibien tal-glove compartment u t-tkissir tal-mera.*
>
> *Illli l-leakage taz-zejt u xi diesel kien dejjem facilment riskontrabbli u korrezjonabbli.*
>
> *Illi l-esponent ma sab enda difetti fid-drive shafts.*
>
> *Illi jirrizultalu li din il-vettura ghamlet hafna mili bejn id-data tax-xiri u l-ahhar access u m'hemm xejn x'jindika li fuq din il-vettura saru dawk is-services mehtiega anke bl-istess uzu taghha.*
>
> *Illi dawk id-difetti li l-esponent seta jikkontstata possibbilment presenti fix-xiri tal-vettura huma dwar is-sunroof, il-mera u l-glove compartment, li flimkien jammontaw ghal spiza ta' madwar €656.*
>
> *Illi huwa car u manifest li din il-vettura qiegda tintuza regolarment fit-triq u dan ghal ghanjiet li jindika l-attur sabiex igorr irkabtu tas-sengha tieghu bhala electrician u jmur biha fuq il-lant tax-xoghol, u l-esponent ma sab xejn li jaghmel din il-vettura mhux tajba ghal dan ix-xoghol.*
>
> *Illi meta sar it-trasferiment tal-vettura, l-prezz iffissat ta' €8,000 huwa gust ghal din it-tip ta' vettura u, kif indikat fix-xhieda in atti, kellha ssir xi tiswija, liema tiswija ghandha ssir fuq dawk il-hsarat riskontrabbli kif fuq indikat."*

Jirrizulta illi dwar responsabbilta' tas-socjeta intimata, l-Espert Tekniku jghid is-segwenti:

> *" Illi r-rikorrent xtara din il-vettura second hand u ghalhekk minbarra l-hsara fuq is-sunroof li setghet tigi nnutata qabel in-negozju ukoll dik li hija l-mera u l-ispustjar tal-glove compartment doors kien fid-dover tieghu li jindika li dawn u li mmedjatament jaghmel general service huwa jew jiftiehem mall-ointimat dwar dan, izda l-ebda dokument dwar services jew maintenance ma ngabu li saru fuq din il-vettura u peress li l-vann baqa' jintuza ghal dan iz-zmien kollu u ghadu jintuza mhux maghruf il-wear and tear u l-hsarat sehhewx kollha qabel jewwara l-bejgh, hlief li l-intimat huwa responsabbli tal-ispejjez tal-hsara tas-sun roof kif ukoll tal-mera tad-driver door u tat-tap tar-resevoir.*

*Dawn l-intimat kien jaf li kienu jinsabu hekk difettuzi jew bil-hsara u li fl-opinjoni tal-esponent jidher li kien hemm xi forma ta' ftehim dwar tiswijiet u ghalhekk ghandu jaghmel tajjeb ghal hsara li jammontaw ghal 656 Ewro li dawn jikkonsistu:*

| | |
|---|---|
| *Mera:* | *€106* |
| *Panel Beating u spray tas-saqaf,* | |
| *Packing u fittjar tas-sun roof:* | *€500* |
| *Iffitjar tal-glove compartment door:* | *€ 50"* |

Jirrizulta illi, sussegwentement ghal dana ir-rapport, ir-rikorrent esebixxa serje ta' ricevuti, liema ricevuti, madanakollu, ghandhom relevanza limitata jekk mhux biex tipprova illi l-vettura baqghet tintuza regolarment ghal periodu twil u tiswijiet, jekk saru, sehhew ferm wara il-bejgh, u wara illi r-rikorrent kien ilu juzaha ghal hafna snin u ghal distanzi konsiderevoli.

Din il-Qorti, ghalhekk, ma tara ebda raguni ghaliex ma ghandhiex taghmel taghha l-konkluzjonijiet ta' l-abbli espert veteran ta' dina l-Qorti, liema konkluzjonijet jidher car illi huma korretti u precizi u dettati mill-fatti kif ppresentati kemm quddiem dina l-Qorti kif ukoll quddiem l-Espert stess.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-atti processwali, illi s-socjeta intimata ghamlet kontro talba lir-rikorrent, fejn fiha talbet illi r-rikorrent jigi kkundannat ihallas l-import tat-tnax-il kambjala relatati max-xiri tal-vettura meritu tal-kawza odjerna, u liema kambjalijiet huwa baqa' qatt ma hallas.

Jirrizulta, madanakollu, illi tul il-process kollu, s-socjeta intimata naqqset milli qatt tressaq dawna l-kambjalijiet jew kopja taghhom, u ghalhekk il-Qorti hija fl-impossibbilta illi taghmel il-verifiki taghha dwar l-esistenza o meno ta' tali kambjalijiet u l-pagamenti illi allegatament ftehem dwarhom ir-rikorrent u li issa qed jintalab ihallas mis-socjeta intimata.

Jirrizulta, izda, skond ftehim esebit mir-rikorrent a fol 14 tal-process, illi l-vann inbiegh ghal prezz ta' €8,000, li minnhom ir-rikorrent hallas €1,000 bhala depositu u €1,000 ohra permezz ta' zewgt pagamenti rateali, apparti s-somma ta' €90 bhala imghax.

Jirrizulta, ghalhekk, illi ghad fadal bilanc ta' €6,000 illi ghad iridu jithallsu mir-rikorrent ghall-vettura meritu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta, madanakollu, illi minn tali bilanc irid jitnaqqas il-valur tal-hsarat indikati mill-Espert Tekniku bhala ta' responsabbilta' tas-socjeta intimata, li kienu jikkonsisti fil-mera, fil-panel beating u spray tas-saqaf u packing u fitjar tas-sun roof u iffittjar tal-glove compartment door, li flimkien jaghmlu total ta' €656.

Jirrizulta, finalment, illi abbazi tal-Artikolu 213 tal-Kap 12, dina l-Qorti ghandha d-dritt illi tiddeciedi fuq jedd iehor jekk "*jigi ppruvat jedd iehor ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali.*"

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi rat ir-rapport tal-abbli Espert Tekniku taghha Joseph Zammit,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** it-talba attrici kif dedotta billi ma jirrizultax illi l-vettura mixtrija mir-rikorrent fis-26 ta' Marzu 2013 kienet affetta minn xi difett latenti;

**Tilqa** il-kontro talba tas-socjeta intimata u dana limitatament billi, filwaqt illi tiddikjara illi l-bilanc ta' sitt elef (€6,000) ghadu dovut fuq il-bejgh tal-vettura Citroen Berlingo numru ta' registrazzjoni KBQ-251, mir-rikorrent lis-socjeta intimata, tiddikjara wkoll illi s-socjeta intimata ghandha taghmel tajjeb ghal xi hsarat illi kien hemm fil-vettura li dwarhom kien sar diskors bejn il-partijiet, liema xoghlijiet huma ahjar deskritti fir-rapport tal-Espert Tekniku, hawn fuq riprodott, u li jammontaw ghall sitt mija u sitta u hamsin Euro (€656), liema somma ghandha ghalhekk titnaqqas mill-ammont dovut mir-rikorrent lis-socjeta intimata; u ghalhekk,

**Tikkundanna** lir-rikorrent Deyen Schembri ihallas lis-socjeta Clean Away Service Limited is-somma ta' **hamest elef, tlett mija u erbgha u erbghin Euro (€5,344)**, rappresentanti l-bilanc dovut lill-istess socjeta Clean Away Service Limited mir-rikorrent Deyen Schembri ghax-xiri tal-vettura Citroen Berlino numru ta' registrazzjoni KBQ-251 mixtirja fis-26 ta' Marzu 2013.

Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax kalkolabbli mid-data tal-presentata tal-kawza odjerna sad-data tal-pagament effetti ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur